



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6872/22
ADD 1
LIMITE
PV CONS 12
JAI 288
COMIX 115

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
3 u 4 ta' Marzu 2022

WERREJ

Pàġna

AFFARIJET INTERNI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna 4
 - a) Deċiżjoni li timplimenta l-protezzjoni temporanja prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001
 - b) Kwistjonijiet oħra relatati mas-sitwazzjoni fl-Ukrajna
4. Ażil-Migrazzjoni: evalwazzjoni tal-progress li sar 4

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

6. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen 4
 - a) Il-governanza politika ta' Schengen
 - b) Rapport dwar is-sitwazzjoni
7. Regolament tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen 5

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJET INTERNI

8. Konklużjonijiet dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima 5
9. Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-avviżi ħomor tal-Interpol 5
10. Affarijiet oħra 5

ĠUSTIZZJA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

13.	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.....	5
14.	Drittijiet fundamentali	6
a)	Skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	
b)	Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-anti-Semitiżmu	
15.	Kwistjonijiet relatati mal-aċċess għal avukat	6
16.	Affarijiet oħra	6
a)	Allegazzjonijiet ta' traffiku ta' influwenza	
b)	Allegazzjonijiet ta' vjolenza kontra d-dimostranti waqt protesti kontra r-restrizzjonijiet tal-COVID-19	
c)	Prosekuzzjoni ta' mħallef Pollakk fil-Belarusija	
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill		7

AFFARIJIET INTERNI

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna 6719/22

- a) Deċiżjoni li timplimenta l-protezzjoni temporanja
prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE
tal-20 ta' Lulju 2001**

Ftehim fil-prinċipju dwar l-attivazzjoni

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-attivazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja u t-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

b) Kwistjonijiet oħra relatati mas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

Il-ministri kellhom ukoll skambju ta' fehmiet permezz ta' vidjokonferenza mal-Ministru għall-Intern Ukren.

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

4. Ażil-Migrazzjoni: evalwazzjoni tal-progress li sar¹ 6264/22

Rapport ta' progress

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali mogħtija mill-Presidenza rigward l-approċċ gradwali għall-migrazzjoni u l-ażil.

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

6. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen²

- (a) Il-governanza politika ta' Schengen**

- (b) Rapport dwar is-sitwazzjoni**

Skambju ta' fehmiet

6234/22 + COR 1

6408/22

Wara d-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (dokument 6964/22), il-Kunsill qabel li jipproċedi abbażi tal-proposta tal-Presidenza u li jorganizza l-Kunsill ta' Schengen li jmiss f'Ġunju.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.

L-aġenziji Ewropej EUAA u Frontex huma mistiedna għal dan il-punt.

² L-aġenziji Ewropej Frontex, Europol u eu-LISA huma mistiedna għal dan il-punt.

7. **Regolament tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen** [C] 6685/22
Approċċ ġenerali

Wara d-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (dokument 6964/22), il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali għar-Regolament tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen.

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJET INTERNI

8. **Konklużjonijiet dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima** 6528/22
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima kif jinsabu fid-dokument 6528/22.

9. **Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-avviżi ħomor tal-Interpol** 6217/22
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva d-dikjarazzjoni dwar l-avviżi ħomor tal-Interpol.

10. **Affarijiet oħra**

Ma tqajjem l-ebda punt taħt din l-intestatura.

IL-ĠIMGĦA 4 TA' MARZU 2022 (10:15)

ĠUSTIZZJA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

13. **Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda** [C] 6523/22
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar id-Deċiżjoni proposta, li għandha l-għan li testendi l-lista ta' oqsma ta' kriminalità msemmiha fl-Artikolu 83(1) TFUE għal “reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda”.

14. Drittijiet fundamentali

(a) Skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

(b) Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-anti-Semitiżmu

6406/22

Approvazzjoni

a) Il-Kunsill ħa nota ta' preżentazzjoni mid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija fir-rigward tal-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu.

b) Il-Kunsill approva ġabra ta' konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu. It-test tal-konklużjonijiet jinsab fid-dokument 6877/22.

15. Kwistjonijiet relatati mal-aċċess għal avukat

6319/22

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar l-aċċess għal avukat u l-importanza tiegħu f'sistema ġudizzjarja effettiva.

16. Affarijiet oħra

(a) Allegazzjonijiet ta' traffiku ta' influwenza

(b) Allegazzjonijiet ta' vjolenza kontra d-dimostranti waqt protesti kontra r-restrizzjonijiet tal-COVID-19

(c) Prosekuzzjoni ta' mħallef Pollakk fil-Belarussja

Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Kunsill ġie infurmat mid-delegazzjoni Pollakka dwar dawn it-tliet punti. Il-Kummissjoni u diversi delegazzjonijiet ikkontribwew ukoll għall-informazzjoni pprovduta lill-Kunsill.

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattiwi li jinsabu fid-dokument 6544/22

**Dwar il-punt "A"
nru 1:**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim ma' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Malta tagħraf li abbażi tas-sejbiet tal-Kummissjoni Ewropea jidher li hemm kwistjonijiet ta' sigurtà dwar kif qed jitwettqu l-proċessi ta' ċittadinanza b'investiment f'Vanuatu u li s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir kif proposta mill-Kummissjoni Ewropea hija ġġustifikata għal tali raġunijiet. Dan huwa b'mod partikolari fid-dawl tan-nuqqas ta' proċessi rigorużi ta' diliġenza dovuta, li għandhom ikunu karatteristika essenzjali ta' kwalunkwe skema ta' ċittadinanza b'investiment. Madankollu, Malta tfakkar fis-sovranià tal-Istat dwar kwistjonijiet ta' ċittadinanza."

**Dwar il-punt "A"
nru 17:**

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tkun indirizzata lill-Kummissjoni, u b'hekk tqis li l-emendi fl-Artikolu 4 mhumiex xierqa.

L-espressjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni f'korp stabbilit bi ftehim hija att ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, hija l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

Dwar il-punt "A"
nru 20:

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal pandemiji u emendi supplimentari għar-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (2005)
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI 1

"Il-Kummissjoni tqis li huwa legalment żbaljat li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu ta' negozjati tindika bażi ġuridika sostantiva.

Id-Deċiżjoni li tawtorizza l-bidu ta' negozjati hija bbażata biss fuq l-eżistenza ta' setgħat konferiti tal-Unjoni u mhux fuq id-determinazzjoni ta' kompetenza speċifika. L-effett tagħha huwa limitat għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni jew lir-Rappreżentant Għoli, skont il-każ, biex jużaw il-prerogattivi tagħhom skont it-Trattati tal-UE sabiex jibdwew in-negozjati. Għaldaqstant, l-ambitu ta' dawn in-negozjati huwa ddeterminat mill-ambitu tas-setgħat tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-libertà tas-sieħeb previst fit-trattat tal-Unjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ambitu tan-negozjati ma tistax tiġi limitata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-bidu tan-negozjati. Għalhekk, il-baży ġuridika preċiża għall-ftehim futur tista' tiġi determinata biss wara li l-kontenut tal-ftehim ikun magħruf.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI 2

"Il-Kummissjoni tqis li l-Kunsill jista' jirrevedi u jkompli jiżviluppa d-direttivi ta' negozjar stabbiliti fl-Addendum għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, kif adatt u meħtieġ matul tali negozjati, abbaży biss ta' rakkomandazzjoni ġdida minn qabel mill-Kummissjoni, f'konformità mad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa l-isforzi għal kooperazzjoni internazzjonali f'setturi differenti biex jittejbu t-tħejjija u r-rispons globali u nazzjonali għall-pandemiji bħala parti mill-arkitettura tas-saħħa globali.

Il-Bulgarija tqis li l-Presidenza Franċiża tejbet sostanzjalment it-test inizjali tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill u d-Direttivi għan-negozjar stabbiliti fl-Addendum għad-Deċiżjoni, u għalhekk aħna nistgħu nappoġġaw l-ispirtu ġenerali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Madankollu, fir-rigward tad-distinzjoni ċara bejn kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi nazzjonali u dawk li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Unjoni, it-test għadu parzjalment mhux ċar, u juri sinjali ta' fraġilità u ambigwiżà. Filwaqt li nifhem li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni huwa li tagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, ninnotaw bi tħassib id-dispożizzjonijiet mhux ċari f'oqsma sensittivi, li b'hekk iħallu lok għal interpretazzjoni legali u diffikultajiet potenzjali għall-Istati Membri fl-istadju tan-negozjati. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, aħna għalhekk inqisu li huwa essenzjali li mill-bidu ta' dan il-proċess, jiġu enfasizzati diversi aspetti, li ġew diskussi u kkonfermati bir-reqqa iżda li mhumie x riflessi b'mod espliċitu fl-abbozz tad-dokument:

L-ewwel nett, għandu jkun hemm distinzjoni ċara fil-proċess tan-negozjati bejn kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi nazzjonali u dawk li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Unjoni. Fir-rigward tal-kura tas-saħħa, f'konformità mal-liġi primarja tal-UE, id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif definita mill-bażi ġuridika sostantiva, għandha tiġi rispettata bis-siħ matul il-proċess tan-negozjati. Għalhekk, niringrazzjaw lill-Kummissjoni u l-Presidenza li jikkonfermaw li l-Istati Membri jirriżervaw id-dritt tagħhom li jinnegozjaw waħedhom, abbażi tal-pożizzjonijiet nazzjonali tagħhom, dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt kompetenzi nazzjonali esklużivi. Dan, skont l-Artikolu 168 (7) TFUE, ser ikopri l-kwistjonijiet kollha relatati mal-organizzazzjoni u l-ġoti ta' servizzi tas-saħħa u kura medika u l-finanzjament tagħhom, speċjalment dwar kwistjonijiet li x'aktarx jiskattaw obbligi finanzjarji għall-Istati Membri fil-futur.

B'kont meħud tal-inċertezza persistenti fir-rigward tas-sustanza u l-kontenut tal-istrument internazzjonali futur dwar il-prevenzjoni, it-tnejja u r-rispons għall-pandemija, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u b'mod partikolari r-referenza għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005), aħna nqisu tali kjarifika bħala salvagwardja indispensabbli għall-Istati Membri u konferma ta' prinċipji ewlenin bħas-sussidjarjetà, l-ġoti ta' setgħat kif ukoll kooperazzjoni interistituzzjonali tajba.

It-tieni nett, nappellaw għal aktar kawtela meta nirreferu għal "strument legalment vinkolanti" u rispett siħ tat-test tad-Deċiżjoni adottata matul is-Sessjoni Speċjali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa. L-ipoteżi ta' "strument legalment vinkolanti" tippresupponi obbligi għall-Istati Membri u ser tkun is-suġġett tal-proċess ta' negozjar, u f'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jieħdu d-deċiżjonijiet finali tagħhom. Fil-kapaċità nazzjonali tagħha, il-Bulgarija tqis li l-iżvilupp ta' trattati u sħubijiet internazzjonali ġodda jeħtieġ approċċ bir-reqqa, b'valur miżjud ċar għall-ftehimiet, il-mekkaniżmi u l-inizjattivi diġà eżistenti, eż. ir-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005), u filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, aħna nqisu li r-referenzi kollha għall-impenji finanzjarji fl-abbozz ta' Deċiżjoni jikkonċernaw biss kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE. L-impenji li jikkonċernaw il-baġits nazzjonali mhumie x koperti minn din id-Deċiżjoni, billi huma kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali esklużiva. Minħabba n-nuqqas ta' ċarezza dwar il-kontenut possibbli ta' strument internazzjonali ġdid u l-obbligi li jirriżultaw għall-Istati Membri, inkluż ta' natura finanzjarja, jeħtieġ li titqies il-kapaċità tas-settur tas-saħħa fil-pajjiż li jgħorr piż addizzjonali biex jimplementa ftehim internazzjonali ġdid possibbli.

F'dak il-kuntest, b'kont meħud b'mod partikolari tal-Artikolu 168 (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, u peress li r-rwol ewlieni tal-Istati Membri huwa komprensibbli iżda mhuwiex iddikjarat b'mod espliċitu fit-test tad-Deċiżjoni li tagħti mandat lill-Kummissjoni biex tinneozja dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, il-Bulgarija ser timplimenta r-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill fi ħdan il-kompetenzi tal-Unjoni kif stabbiliti fil-liġi primarja tal-Unjoni Ewropea. Il-fehim tagħna huwa li dan bl-ebda mod ma jaffettwa l-kompetenzi nazzjonali fil-qasam tal-politika tas-saħħa, inkluż il-pożizzjonijiet li l-Bulgarija tista' tieħu fil-kompetenzi nazzjonali tagħha fil-proċess ta' neozjar dwar strument internazzjonali futur dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji.

Nitolbu l-inklużjoni ta' din id-dikjarazzjoni fil-minuti tal-laqgħa tal-Coreper u l-Kunsill li jadotta d-deċiżjoni proposta."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Fir-rigward tad-direttivi għan-neozjar ta' ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji li jinsabu fl-Addendum għad-Deċiżjoni msemmiha hawn fuq, il-Polonja temmen li kwalunkwe referenza għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR) ma għandhiex tiġi inkluża fit-test tad-direttivi.

Il-kwistjoni tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi ma taqax taħt il-kompetenza tal-Unjoni, iżda tal-Istati Membri, u referenza bħal din fid-direttivi tmur kontra l-Artikolu 168 (7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jiddikjara b'mod ċar li "L-azzjoni tal-Unjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-ġoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika".

Barra minn hekk, ir-referenza għall-SRHR fid-direttivi mhijiex konformi mal-premessi 6 u 7 tad-deċiżjoni nnifisha, li jenfasizzaw ir-rispett sħiħ għall-kompetenzi tal-Istati Membri u r-rwol tal-Unjoni bħala awżiljarju biss.

Għal din ir-raġuni aħna nemmnu li r-referenza għall-SRHR fil-linji gwida għan-neozjati għall-Kummissjoni mhijiex ġustifikata."